



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Lulju 2018
(OR. fr)

10832/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0261 (NLE)

MAMA 112
MED 36
MA 14

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mwaqqaf permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni li tapprova l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Marokk li jimplimenta l-istatus avanzat (2013-2017)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mwaqqaf permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju
li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej
u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk,
min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni
li tapprova l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Marokk
li jimplimenta l-istatus avanzat (2013-2017)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-rappreżentant għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra¹ (minn hawn il-quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”) kien iffirmat fis-26 ta’ Frar 1996 u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Marzu 2000².
- (2) Skont l-Artikolu 80 tal-Ftehim, il-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni mwaqqaf permezz tal-Ftehim għandu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet u jista’ wkoll jagħmel rakkomandazzjonijiet.
- (3) Il-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni adotta fis-16 ta’ Diċembru 2013 rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta’ Pjan ta’ Azzjoni UE-Marokk li jimplementa l-istatus avanzat (2013-2017)³ (minn hawn il-quddiem imsejjaħ il-“pjan ta’ azzjoni”).
- (4) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità bejn il-pjan ta’ azzjoni u l-prijoritajiet futuri tas-sħubija, il-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni, permezz ta’ skambju ta’ ittri, jenħtieġ li jadotta rakkomandazzjoni li tapprova l-estensjoni tal-Pjan ta’ Azzjoni.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f’isem l-Unjoni, fil-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni, rigward l-adozzjoni ta’ rakkomandazzjoni li tapprova l-estensjoni tal-Pjan ta’ Azzjoni, peress li r-rakkomandazzjoni jkollha effetti ġuridiċi.

¹ ĠU L 70, 18.3.2000, p. 2.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2000/204/KE, KEFA tas-26 ta’ Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (ĠU L 70, 18.3.2000, p. 1).

³ Ir-Rakkomandazzjoni Nru 1/2013 tal-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni UE-Marokk tas-16 ta’ Diċembru 2013 dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta’ Azzjoni UE-Marokk fil-qafas tal-PEV li jimplementa l-istatus avanzat (2013-2017) (ĠU L 352 24.12.2013, p. 78).

- (6) L-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tiffirma l-bażi tar-relazzjonijiet UE-Marokk għas-sena attwali u tippermetti li jsiru d-diskussjonijiet sabiex jiġu definiti l-linji gwida u l-prijoritajiet il-ġodda tas-sħubija UE-Marokk għas-snin li ġejjin,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mwaqqaf permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni li tapprova l-estensjoni b'sena tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Marokk li jimplimenta l-Istatus Avvanzat (2013-2017) għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' rakkomandazzjoni anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ABBOZZ

**RAKKOMANDAZZJONI Nru 1/2018
TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-MAROKK**

ta'...

**li tapprova estensjoni ta' sena tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Marokk
li jimplimenta l-istatus avvanzat (2013-2017)**

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-MAROKK,

wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra¹,

¹ ĠU L 70, 18.3.2000, p. 2.

filwaqt li jqis li:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (minn hawn il-quddiem imsejjaħ il-"Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2000.
- (2) Bis-saħħa tal-Artikolu 80 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li jqis rilevanti għall-kisba tal-oġettivi tal-Ftehim.
- (3) Skont l-Artikolu 90 tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jieħdu kull miżura ġenerali jew speċifika neċessarja biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim u għandhom jaraw li jinkisbu l-oġettivi ffissati fil-Ftehim.
- (4) L-Artikolu 10 tar-regolamenti interni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jipprevedi l-possibbiltà li jittieħdu rakkomandazzjonijiet, bejn is-sessjonijiet, permezz tal-proċedura bil-miktub.
- (5) L-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Marokk li jimplementa l-istatus avvanzat (2013-2017) tiffirma l-bażi tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Marokk fis-sena attwali u tippermetti l-bidu ta' negozjati sabiex jiġu definiti l-linji gwida u l-prijoritajiet il-ġodda tas-sħubija UE-Marokk għas-snin li ġejjin,

JIRRAKKOMANDA:

Artikolu uniku

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, permezz ta' proċedura bil-miktub, jirrakkomanda l-estensjoni b'sena tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Marokk li jimplimenta l-istatus avvanzat (2013-2017).

Magħmul fi ..., fi ... 2018.

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

UE-Marokk

Il-President
